# DRAWWIET IMNISSLA MIR-RELIGJON

MINN RAFEL BONNICI CALI

Din is-sena li ahna fiha, (1983), id-dinja tfakkar l-1950 sena mill-Passjoni ta' Gesu' Kristu, waqt li l-Papa habbarha bhala sena tal-Gubjew tal-Fidwa, fl-okkażjoni tal-Gimgha l-Kbira. Ghalhekk jidhirli li tkun haga xierqa li nsemmi xi drawwiet partikolari Maltin li ghandhom rabta mar-religjon taghna, u fl-istess hin ghandhom aspett folkloristiku.

Mhux ser niddiskuti dettalji dwar il-processjonijiet kbar tal-Gimgha l-Kbira, u ta' l-Irxoxt; jew is-slaleb tat-toroq. li ghandhom x'jaqsmu ma' Kristu Feddej, izda ser insemmi dawk id-drawwiet li forsi mhux kulhadd jaf bihom jew jigu f'mohhna bhala aspetti folkloristici.

Ta' min isemmi dawk is-slaleb tad-deheb jew metall iehor li rgiel u nisa jilbsu madwar ghonqhom bhala devozzjoni, drawwa li zdiedet hafna wara' t-tieni gwerra dinjija. Izda jekk inharsu lejn gensna fis-sekli mghoddija, insibu id-drawwa ta' Salib, biex ma nghidx figura ta' Kristu, bhala Kurcifiss, impingijin bill-kulur u l-labar fuq id-dirghin ta' l-irgiel biex zgur ma jithassrux, dak li bl-ingliz jissejjah 'tatoo'. Fost in-nisa nsibu d-drawwa li jghozzu fi djarhom, bcejjec u frieghi taz-zebbug imbierek f'Hadd il-Palm, u ohra li jahslu lit-trabi fl-ilma li fih ikunu tefghu ward li jkun baqa' mis-Sepulkru, biex iharsu lil-uliedhom minn xi mard jew deni iehor.

Kulhadd jghozz ward, xewk, zebbug li jgibu maghhom dawk li jzuru l-Art Imqaddsa ta' Gerusalemm. Imma l-aktar haga li kienet ghall-qalb l-ommijiet, kienet il-warda hekk imlaqqma 'tal-passjoni' , li ghalkemm niexfa, kienet tinfetah mill-gdid meta tinxtehet fl-ilma, u meta l-mara kienet tasal biex twelled, din kienet bhallikieku thabbrilha hlas tajjeb.

Ommi kellha wahda minn dawn il-ward, li wirtiha minn ghand nannitha. Ghandha ghamla ta' ballun u niexfa daqs injama tal-manku ta' martell; b'dana kollu, id-dar ghandna drawwa li nghaddsuha fl-ilma nhar Hamis ix-Xirka, u sa l-ghada nergghu nsibuha miftuha mill-gdid. Jekk din ma tiftahx nahsbu li gej xi ghawg.

Nixtieq issa nsemmi xi haga ftit stramba dwar Dun Alfred Gatt, qassis ta' fama qaddisa, li miet nhar Hamis ix-Xirka, fis-26 ta' Marzu, 1937 fill-Belt Valletta. Dan kien joqghod iqarar il-hin kollu fill-knisja ta' l-Erwieh, u hemm dahhal id-devozzjoni tal-Wicc Imqaddes ta' Kristu, li hu pogga fuq artal f'kappella fill-genb, fi zmien il-Gublew Straordinarju tar-Re de nzjoni li sar fl-1933. Din id-devozzjoni kompla xerridha bill-kitba, Salvu Agius, u din infirxet ma' Malta kollha, u bosta xbihat bil-Wicc ta' Kristu,msejjah tal-Veronika, dahlu wkoll fi knejjes ohra. Il-mewt ta' Dun Alfred lejlet il-Gimgha l-Kbira, halliet impressjoni kbira, billi kien il-promotur tal-qima lejn il-Wicc ta' Kristu, u fuq qabru, fic-cimiteru tal-Addolorata bdew imorru bosta nies jitolbuh il-grazzji, jehdulu xemghat u fjuri, waqt xi nisa rashom shuna qalu wkoll li dehrilhom Dun Alfred fuq il-qabar . Kien hemm Kelinu Pace , messaggier tal-prim ministru, li kien imur izur il-qabar ta' dan il-qassis, u gabar xi fjuriet zghar minn fuq il-qabar, u poggihom bejn il-folji ta' ktieb. Wara zmien, induna bit-tbajja li dawn il-fjuri hallew fuq il-karti tal-ktieb, u dawn it-tbajja dehru donnhom jixbhu il-wicc ta' Kristu. Kien hemmohrajn li ghamlu bhalu u gralhom l-istess. Kelinu, li kulhadd kien izommu b'ragel serju, kien gie ghandi, u talabni bpingilu dawn it-tbajja, u jiena bilkemm stajt nemmen li kellu f'mohhu li seta' kien hemm xi mistru, imma meta rajtu hekk sod fill-fehma tieghu, ghamilt ukoll kopja ghalija, biex inzommha bhala haga kurjuza, u xejn aktar. Irrid nghid ukoll, li meta kont zghir jien ukoll kont ghalaqt xi fjura fil-ktieb kif kienu jghamlu t-tfal kollha, u dawn, billi jkunu friski,







Dawn id-disinji ta' wiċċ Kristu
saru minn Raffaeli Bonnici Calì fuq
tbajja ta' fjuri meħudin minn fuq il-qabar ta' Dun
Alfred Gatt ftit wara mewtu, li kellu
fama ta' qaddis, u bosta nies fosthom Kelinu
Pace, messaġġier tal-Prim Ministru, kien
wisq devot u entużjasta. Dawn il-fjuri bdew
jitqiegħdu u jqegħduhom bejn folji ta' ktieb
u hekk jitgħaffġu u jieħdu bosta forom,
fosthom bosta bdew jistħajluhom wiċċ
Kristu billi Dun Alfred kien appostlu
tad-devozzjoni lejn il-wiċċ ta' Kristu. Dawn
huma tlett fjuriet li kellu Kelinu Pace.
Dun Alfred miet nhar Ħamis ix-Xirka
26 Marzu 1937 u difnuh nhar il-Ġimgħa
l-Kbira fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

jhallu marki jet tbajja li tisthajjilhom juru figura ta' wicc jew xi forma ohra. konna nghidu li dawn il-fjuri gew ibbalzmati. Ukoll meta nharsu lejn l-ishab, nisthajlu li qed naraw forom ta' wcuh, annimali, u forom ohra, li malajr jisparixxu mal-mixi ta' l-ishab.

Imma wara 46 sena mill-mewt ta' Dun Karm, ftakart fid-disinji li kont ghamilt tat-tbajja li kien urieni Kelinu Pace, u sibthom biex nippublikhom, minhabba dik il-grajja kurjuza li aktarx sare t b'kumbinazzjoni, l-ewwel bill-mewt ta' Dun Alfred, propagatur tad-devozzjoni tal-Wicc ta' Kristu, lejlet il-Gimgha l-Kbira, u mbghad bl-impressjoni tal-fjuri fuq il-karti, ghamla ta' wicc bill-kuruna tax-xewk.

---

Kumitat tal-Ghaqda tal-Folklor ghas-sena 1983

President: Dr. C. Cassar
Segretarja onorarja: Sin'ma Jessie Grech
Kaxxier: Rafel Bonnici Cali'
Editur : Guido Lanfranco
Membri: Sur.G.M.Buontempo, Sur Angelo Dougall, Sur Alfred Fenech, Dr.V.M.Pellegrini, Sin'na M.R.Pisani, Sur.Marcel Zammit-Marmara';
Co-opted: Sur Alfred Galea.

Indirizz tal-Ghaqda: Segretarja Onorarja, 29, Narrow Street, Lija; tal-Editur, 78, St.Trophimus Street, Sliema.

--------o-O-o--------